MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' April, 2013

Numru. 211/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**
**(Spettur Sylvana Briffa)**

**vs**

**JEHIEL FALZON**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **Jehiel Falzon,** ta’ dsatax-il (19) sena, bin Victor u Grace nee’ Zammit, imwieled Pieta’, nhar Il-11 ta’ Settembru 1993, residenti 141, Triq Biccieni, Sqaq Nru. 3, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 425493(M) gie imressaq quddiemha u akkuzat talli fil-lejl bejn it-28 ta’ Frar u l-1 ta’ Marzu 2013 mill-fond Pepprina, Triq id-Dukkar, Zabbar flimkien ma’ persuni ohra:

1. Ikkommetta serq ta’ flus, cekkijiet u/jew oggetti ohra liema serq hu aggravat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur li jaccedi l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centesmu (€2,329.37), bil-lok u bil-hin u li sar ghad-dannu ta’ Mario Azzopardi u/jew ta’ xi persuna/i u/jew ta’ xi entita u/jew entitajiet ohra;

Il-Qorti giet mitluba mill-Prosekuzzjoni sabiex dan il-kaz jigi investigat skond il-Ligi.
Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom att mill-estratt tat-twelid, fedina penali, stqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar l-1 ta’ Marzu 2013 esebita fl-atti a fol. 12 u dikjarazzjoni tar-rifjut.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tat-tnejn (02) ta’ Marzu 2013 u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta’ jerga’ lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tat-tnejn (02) ta’ Marzu 2013.

Rat illi fis-seduta tat-2 ta Marzu 2013 din il-Qorti innominat Probation Officer sabiex jaghmel pre-sentenceing report bil-ghan li l-imputat jigi fit-triq it-tajba ‘l boghod mill-hajja ta’ kriminalita’.

Rat illi b’nota prezentata mis-senior Probation Officer nhar is-6 ta Marzu 2013 fejn din il-Qorti giet infurmata li l-ufficcjal tal-probation inkarigat f’dan il-kaz kienet Marilyn Attard.

Rat illi fis-seduta tat-18 ta’ April 2013 dehret l-Probation Officer Marilyn Attard u pprezentat ir-relazzjoni taghha li giet mmarkata bhala Dok MA.

Minn ezami ta’ din ir-relazzjoni jirriultza li effettivament l-imputat ma kienx il-mohh wara din is-serqa ghalkemm ipprovda informazzjoni dwar kif ghandhom jidhlu l-

malviventi fil-post li effettivament gie derubat u fejn kien jinsabu l-flus. Jidher mill-informazzjoni migbura mill-Probation Officer li l-imputat huwa guvni imqareb u jagixxi b'mod impulsiv u ma jahsibx fil-konsegwenzi ta' ghemilu. Ghalhekk hija tal-fehma li hemm bzonn hidma biex l-imputat jitghallem ikun responsabbli biex jitghallem jaghraf kif ghandu jgib ruhu.

Spjegat ukoll li l-imputat kien falla tlett appuntamenti minn disgha ghalkemm ghal wiehed minnhom isotni li ma kienx jiflah.

Il-Probation Officer issugeriet li l-imputat ghandu jattendi tahrig dwar life skills provdut mid-Dipartiment tal-Probation oltre li jinghata sentenza sospiza ta' prigunerija fil-massimu taghha u jitpogga taht is-supervizjoni ta' Probation Officer ghall-perjodu tas-sospensjoni tas-sentenza ta' prigunerija.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti rat ir-rakkomandazzjonijiet moghtija mill-Probation Officer u tabbraccja l-konkluzjonijiet hemm imsemmija u taghmilhom taghha.

Il-Qorti qieset is-segwenti meta giet biex tapplika l-piena f'dan il-kaz.

1. Il-ko-operazzjoni tal-imputat sa meta giet rilaxxjata l-istqarrija tieghu *a tempo vergine* tal-investigazzjoni.
2. Dak li stqarr l-ufficcjal tal-Prosekuzzjoni fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2013 li l-imputat ikkoopera maghha fil-mori tal-investigazzjoni tant li rnexxilha tasal ghall-awtur ta' dan ir-reat.
3. Il-fatt li gie rkuprat parti mir-resfurtiva.
4. Ir-rapport tal-Probation Officer.
5. L-ammissjoni bikrija tal-imputat.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 261, 262(b), 263(a), 264(1), 266(1)(2), 267, 269(g), 270, 276, 279(b), u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li issib lill-imputat**

**JEHIEL FALZON hati tar-reat kif addebitat fil-konfront tieghu u tikkundannah sentejn prigunerija sospizi ghall-erba' (4) snin taht l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Oltre dan, il-Qorti tordna li l-imputat jitpogga taht ordni ta' supervizjoni ghall-perjodu kollu tas-sentenza sospiza ai termini tad-digriet hawn anness.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbghat lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation u Parole sabiex jigi nominat kanditat idoneju sabiex isegwi lill-imputat tul dan il-perjodu u taghti ir-rakkomandazzjoni taghha sabiex possibbilment jigi appuntat l-istess ufficcjal li rrediga il-pre-sentencing report.**

**Fl-ahhar nett, ai termini tal-Artikolu 401(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien ma' l-atti processwali ta' l-istess jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------